

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-4 ta' Frar 2010****li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/210/KE****(2010/63/UE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Grupp ta' esperti regolatorji ta' livell għoli (minn hawn-hekk 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp") stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/210/KE tat-28 ta' Frar 2006 ⁽¹⁾ huwa grupp konsultattiv ta' esperti nazzjonali tar-regolamentazzjoni aħjar ta' livell għoli.
- (2) Il-President tal-Kummissjoni indika li r-regolamentazzjoni aħjar se tibqa' importanti fuq l-aġenda politika tal-Kummissjoni ⁽²⁾.
- (3) Forum dwar id-diskussjoni dwar regolamentazzjoni aħjar u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni mal-Istati membri dwar kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni aħjar għandu rwol importanti x'jilgħab sabiex iġib 'il quddiem dik l-aġenda.
- (4) Il-mandat tal-grupp għandu għaldaqstant jiġi estiż għall-tlett snin.
- (5) Deċiżjoni 2006/210/KE għandha tiġi debitament estiża.

- (6) Sabiex tippermetti lill-grupp ikompli xogħlu, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2006/210/KE, it-tieni sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2010.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 76, 15.3.2006, p. 3.⁽²⁾ Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni li jmiss, dokument ippreżentat lill-Membri tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Settembru 2009.